**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 5

It-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### SUWIĊIDJI

**1. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn suwiċidji f'Marzu u April 2026? Jista' jagħti l-ġeneru u l-etajiet?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Infurmat li kien hemm 2 każijiet ta' rġiel f'Marzu, u 4 każijiet ta' rġiel f'April. L-etajiet ivarjaw bejn it-28 u l-49 sena.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ĦADDIEMA ĠODDA

**2. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista’ l-Prim Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – ĦADDIEMA ĠODDA

**3. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – ĦADDIEMA ĠODDA

**4. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – ĦADDIEMA ĠODDA**

**5. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – ĦADDIEMA ĠODDA**

**6. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KUMITAT TAL-INFURZAR – MEMBRI**

**26. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri kollha tal-Kumitat tal-Infurzar appuntati a tenur tal-Artikolu 5 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.41 u għal kemm żmien hi l-ħatra ta' kull membru?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-membri tal-Kumitat ta' Infurzar a tenur tal-Artikolu 5 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.41 għadhom ma ġewx maħtura. Il-ħatra għandha ssir fiż-żmien li ġej. A tenur tal-paragrafu 3 ta' l-imsemmi Artikolu 5, il-ħatra tal-membri ta' l-imsemmi Kumitat għandha tkun għall-perjodu ta' tlett snin.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**PROVVISTA TAL-LNG – FTEHIM**

**27. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li ġie mħabbar mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għall-provvista tal-LNG f'pajjiżna sa Mejju 2027?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmata li l-kuntratt li qed jagħmel referenza għalih u li kien iffirmat wara proċess kompetittiv, huwa kuntratt li jsegwi prattiċi internazzjonali f'kuntratti ta' dan it-tip. Fil-fatt, il-kumpanija inkwistjoni għamlet pubbliku wkoll fuq l-internet kuntratt standard, MSPA, li huwa simili għall-ftehim li għamlet l-Enemalta. Qed inpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra stqarrija tal-Enemalta li tagħti iktar dettalji. Fl-istess ħin, ninsab infurmata wkoll li kwalunkwe informazzjoni

addizzjonali ta’ natura kummerċjalment sensittiva tippreġudika proċessi kompetittivi oħra li se jkunu qed isiru fil-futur.
Intant, nieħu l-okkażjoni biex infakkar li għall-kuntrarju tal-impressjoni li provat tagħti l-Oppożizzjoni l-prezzijiet għall-konsumaturi Maltin u Għawdxin se jibqgħu stabbli kif kienu taħt it-tmexxija ta’ Gvern Laburista fl-aħħar snin. U dan filwaqt li f’pajjiżi oħra dawn il-prezzijiet żdiedu u komplew jiżdiedu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SANTA LUĊIJA – GRAWND TAL-FUTBOL – UŻU TAL-PARKEĠĠ**

**28. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x’azzjoni kienet ittieħdet wara li f’Settembru 2024, permess ta’ ittra uffiċjali, SportMalta kienet qalet li ħa tieħu azzjoni biex il-parkeġġ biswit il-grawnd tal-futbol ta’ Santa Luċija jerġa' jirritorna għall-użu ta’ parkeġġ pubbliku?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba ġiet provduta lil dan il-Parlament permezz ta' tweġibiet Parlamentari għall-mistoqsijiet Parlamentari numru 22041 u 23316 tal-leġiżlatura XIV. Infurmat li ma kienx hemm żviluppi oħra wara dawn it-tweġibiet Parlamentari.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SEJĦA GĦAL SENIOR TEACHERS**

**29. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Minkejja li f’klawsola 4.10.3 tal-Ftehim Settorjali tal-Edukaturi, il-Gvern kien wiegħed li ħa toħroġ sejħa għal Senior Teachers fi żmien tliet xhur, jista’ l-Ministru jgħid għaliex din is-sejħa damet sentejn biex toħroġ?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li s-sejħa għal Senior Teachers ħarġet fl-aħħar ġimgħat. Il-mod kif ħarġet is-sejħa tindirizza dak imsemmi mill-Onor. Interpellant fid-domanda tiegħu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SKEJJEL - SISTEMI TA’ ARJA KUNDIZZJONATA FIL-KLASSIJIET U STAFF ROOMS - PJAN**

**30. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li fil-programm elettorali tal-Partit Laburista li kellu jitlesta sal-elezzjoni li għaddiet kien hemm il-wegħda li “Ninstallaw sistemi ta’ arja kkundizzjonata fil-klassijiet u staff rooms fl-iskejjel kollha ta’ Malta u Għawdex”, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex din il-wegħda ssir u jekk iva, sa meta l-Ministru qed jittama li jagħmel dan?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-titjib fil-kundizzjonijiet li fihom isiru t-tagħlim u x-xogħol fl-iskejjel huma ta’ prijorità u għal dan il-għan se jkomplu jsiru diversi proġetti, inkluż dawk marbuta ma’ ambjent aħjar, arja kundizzjonata u aperturi. Inizjattivi bħal dawk li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant se jkunu parti importanti u ċentrali fil-ħidma tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport fejn irridu nwettqu sensiela ta’ proġetti biex inkopru l-iskejjel ta’ pajjiżna fuq medda ta’ leġiżlatura.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SKEJJEL - SISTEMI TA' ARJA KUNDIZZJONATA FIL-KLASSIJIET U STAFF ROOMS**

**31. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk l-iskejjel li fihom m'hemmx is-sistemi ta' arja kkundizzjonata installati fil-klassijiet u fl-istaff rooms kollha tagħhom?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall - mistoqsija parlamentari numru 30. Infurmat li bħalissa hemm 32 skola mgħammra bis-sistema tal-arja kundizzjonata.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**RELIEVER LSES**

**32. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm reliever LSEs f'kull kulleġġ biex ikunu jistgħu jagħmlu replacement jekk LSEs fil-klassi jkunu ma jifilħux jew indisposti?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li fl-aħħar term tas-sena skolastika li ntemmet min kien reliever ġie assenjat fl-iskejjel.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**LSES**

**33. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li kienu statemented bħala one-to-one u li ma baqgħux one-to-one, kif ukoll kemm kien hemm studenti li kellhom LSE u ma baqgħux b'LSE magħhom, matul dawn l-aħħar tliet snin?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li r-raġunijiet li jwasslu biex is-sitwazzjoni tal-istudent tinbidel huma diversi. Mill-informazzjoni li ngħatatli jirriżulta li hemm każi fejn l-istudenti jiżviluppaw b'tali mod li isiru iktar kapaċi jilħqu l-ħiliet tagħhom b'mod indipendenti, filwaqt li bl-istess mod ikun hemm każi fejn l-interventi li jkunu saru mal-istudenti kienu effettivi allura ikunu laħqu l-għanijiet edukattivi tagħhom kif elenkati fl-IEPs. Infurmat li jkun hemm anke xi ċirkostanzi fejn l-istudenti innifishom jew il-ġenituri tagħhom jitolbu t-tnaqqis jew it-tneħħija tal-għajnuna tal-LSE, jew inkella rapporti ta' professjonisti, partikolarment ir-rapport edukattiv tal-psikologu, jindikaw li l-istudent żviluppa fil-ħiliet li għalihom kien ingħata l-għajnuna 1-1. Hemm anke każi fejn deċiżjonijiet tal-Bord huma mgħotija bi żmien stipulat, eż. għal-raġunijiet mediċi bħad-dijabete u allerġiji, u dan isir sabiex l-istudenti ikollhom l-għajnuna sakemm isiru awtonomi fl-immaniġġjar tagħhom infushom indipendentement. Intant, ninsab infurmat li n-numri għal dak li qed jitlob l-Onor. Interpellant huma kif jidhru hawn taħt.

| | Sena 23/24 | Sena 24/25 | Sena 25/26 |
|---|---|---|---|
| Ma baqgħux FT 1-1 | 72 | 50 | 33 |
| Ma baqgħux b'LSE magħhom | 123 | 148 | 191 |

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SUWIĊIDJI**

**34. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suwiċidji rrappurtati matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena u jaqsam din l-informazzjoni skont il-ġeneru u l-età?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposti mogħtija f'domandi parlamentari 18038, 26208, 33415, 34682 tal-leġislatura preċedenti, kif ukoll domanda parlamentari numru 1 li ġiet imwieġba llum 30 ta' Ġunju, 2026

Seduta Numru 5
30/06/2026

**TOWER CRANES**

**35. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema hija l-entità responsabbli li tassigura li l-krejnijiet li jkunu mqiegħda fuq il-post (tower cranes) huma siguri u li jkunu jifilħu anke riħ qawwi jew riefnu?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lil Onor. Interpellant biex tagħmel referenza għar-risposta li ngħatat għal Mistoqsija Parlamentari Numru 35097, tal-leġiżlatura preċedenti.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**TOWER CRANES**

**36. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tower cranes bħalissa f'Malta u Għawdex?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm impenn ċar fil-Manifest Int Malta, li se nirregolaw I-użu tat-tower cranes billi noħolqu reġistru nazzjonali u ċertifikazzjoni ta' użu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KORRIMENT FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL - BENEFIĊĊJI**

**37. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni li fl-2026 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, irrikorrew għall-benefiċċji ta' korriment fuq il-post tax-xogħol?
Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu intitolati għal benefiċċju għal:
i. ġimgħa jew inqas;
ii. bejn ġimgħa u ġimgħatejn;
iii. bejn ġimgħatejn u xahar; u
iv. xahar jew iktar?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ammont ta' applikazzjonijiet għall-Benefiċċju ta' Korriment fis-sena 2026 sal-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija kien ta' 947 li minnhom ġew miċħuda 320.

It-tabella t'hawn taħt tirreferi għat-talba tal-Onor. Interpellant fir-rigward taż-żmien li ġew intitolati għalih il-persuni eliġibbli. Tajjeb jiġi kkjarifikat illi fit-tabella hemm 142 talba li saru fl-2025 iżda li ġew imħallsa fl-2026. Dan ifisser li n-numru ta' talbiet li saru din is-sena s'issa jammonta għal 485.

| Intitolament ta' Benefiċċju | Talbiet |
|---|---|
| Ġimgħa jew anqas | 263 |
| Bejn ġimgħa u ġimagħtejn | 87 |
| Bejn ġimagħtejn u xahar | 75 |
| Xahar jew iktar | 202 |
| **Total** | **627** |

Seduta Numru 5
30/06/2026

**PERSUNI DIPENDENTI FUQ IL-BENEFIĊĊJI SOĊJALI**

**38. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-miżura fejn persuni dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali, speċjalment ġenituri waħedhom, setgħu jaħdmu ftit sigħat fil-ġimgħa (sa mhux iktar minn tmien sigħat) biex ikunu jistgħu jsostnu lilhom infushom u lill-uliedhom twaqqfet, meta kienet tassisti persuni f'riskju ogħla tal-faqar? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex tiddaħħal miżura simili fil-futur qarib?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 35104
fis-Seduta Nru 451 tal-XIV -il leġislatura.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TA' KONTRA L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI 2024 - OBJETTIVI**

**39. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-objettivi li ntlaħqu jew li ma ntlaħqux fl-Istrateġija Nazzjonali ta' kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali 2024?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 35105 fis-Seduta Nru 451 tal-XIV -il leġislatura.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**TRATTAMENT TAD-DRENAĠĠ URBAN**

**88. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ottubru 2024 fil-Każ C-304/23, li sabet lil Malta fi ksur tal-Urban Waste Water Treatment Directive minħabba nuqqasijiet fit-trattament tad-drenaġġ urban, tista' l-Ministru tgħid:
i. jekk Malta għadhiex illum fi ksur ta' din id-Direttiva;
ii. liema nuqqasijiet identifikati mill-Qorti għadhom ma ġewx indirizzati;
iii. meta hu stmat li Malta tkun kompletament konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva; u
iv. jekk il-Gvern iqisx li Malta tinsab f'riskju ta' penali finanzjarji ulterjuri minħabba dawn in-nuqqasijiet?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar snin Malta investiet bis-sħiħ fejn jidħlu impjanti tad-drenaġġ sabiex tassigura li tkun konformi ma' din id-Direttiva, fejn fil-fatt diġà waslet għal dan ir-riżultat għaż-żona fit-Tramuntana ta' Malta.
Il-konformità ma' din id-Direttiva hija primarjament dipendenti fuq is-separazzjoni tal-farmyard waste min-network tad-drenaġġ, liema responsabbiltà taqa' taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel (MAFF). Min-naħa tagħha, b'mod parallel, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi proġett ta' investiment li permezz tiegħu se tkompli ttejjeb l-infrastruttura tad-drenaġġ. Tali proġett, ta' natura estensiva, huwa mistenni li jitlesta fl-iqsar żmien possibbli, fejn xhieda ta' dan huwa l-implimentazzjoni ta' proġett tal-istess natura fit-Tramuntana ta' Malta. Il-Gvern Malti jinsab f'komunikazzjoni kontinwa mal-Kummissjoni Ewropea fejn din qiegħda tiġi infurmata kontinwament dwar il-miżuri u l-iżvilupp li jinsab għaddej.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IL-BUSKETT – TOILETS PUBBLIĊI - XOGĦLIJIET**

**89. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti aġġornament dwar ix-xogħlijiet fuq it-toilets pubbliċi fil-Buskett, u tgħid:
i. x'xogħlijiet kienu ppjanati;
ii. jekk dawn ix-xogħlijiet tlestewx;
iii. kemm intefqu fondi pubbliċi fuq dawn ix-xogħlijiet; u
iv. meta dawn it-toilets mistennija jkunu kompletament operattivi għall-pubbliku?

22/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-BDIEWA**

**90. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-iskema ta' għajnuna finanzjarja għall-bdiewa milquta mill-maltempata Harry, jista' l-Ministru jgħid:
i. kemm-il applikazzjoni ġiet sottomessa;
ii. kemm-il applikazzjoni ġiet approvata;
iii. kemm-il benefiċjarju rċieva l-kumpens;
iv. kemm tħallsu benefiċċji s'issa; u
v. jekk il-Ministeru bagħatx komunikazzjoni uffiċjali lill-applikanti dwar l-istat tat-talba tagħhom?

22/06/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IR-RABAT, MALTA – TRIQ GĦEXIEREM – SOLAR FOOTPATH**

**91. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ġenerati units ta' enerġija mis-Solar Footpath tal-Belvedere ta' Triq Għeriexem fir-Rabat, Malta, mill-inawgurazzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena, u għal kull sena jgħid ukoll:
i. il-valur monetarju tal-enerġija ġġenerata; u
ii. jekk kienx hemm perjodi fejn is-sistema ma kinitx operattiva?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex din l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**GREEN JOBS**

**92. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħolqu impjiegi ġodda kklassifikati bħala 'Green Jobs' mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skont is-settur ekonomiku? Jekk ma teżistix definizzjoni uffiċjali ta' 'Green Jobs', jista' jgħid ukoll liema kriterji qed jintużaw mill-Gvern sabiex jiġu identifikati?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li definizzjoni speċifika u rikonoxxuta ta' xogħlijiet ħodor (green jobs) ma teżistix. Il-Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Okkupazzjonijiet (ISCO) ma tispeċifikax liema okkupazzjonijiet huma assoċjati max-xogħlijiet ħodor fis-setturi ekonomiċi.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TRIQ L-ISQOF A. BUTTIGIEG – PROĠETT TA' PARKEĠĠ**

**93. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proġett ta' parkeġġ temporanju u eventwalment parkeġġ taħt l-art bi ġnien fuqu fi Triq l-Isqof A. Buttigieg, Ħaż-Żebbuġ, għadux ippjanat u, jekk iva, f'liema stadju jinsab?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li kont tajtha għall-mistoqsija parlamentari 34582 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**REGOLAMENT (UE) 2024/1309 - IMPLIMENTAZZJONI**

**100. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35714 tal-Leġislatura XIV dwar ir-Regolament tal-UE 2024/1309, fejn intqal li kien ser jiġi ppubblikat l-abbozz tal-liġi pertinenti fil-viċin, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istatus attwali tal-implimentazzjoni effettiva?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-emendi inkwistjoni mistennija jiġu pubblikati fil-futur qarib, fejn saru diversi emendi għal abbozz tal-liġi li kien ġie propost fl-ambitu ta' konsultazzjoni pubblika u dan sussegwenti għall-valutazzjoni ta' diversi sottomissjonijiet li kienu saru għall-istess konsultazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**DIRETTIVA (UE) 2024/825**

**101. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu s'issa għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumaturi għat-Tranżizzjoni Ekoloġika (UE) 2024/825, fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar?

23/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/825 tinsab fi stadju avvanzat ta' skrutinju legali u huwa mistenni li tiġi ppreżentata quddiem il-Parlament f'qasir żmien.

Fir-rigward ta' miżuri oħra relatati mal-implimentazzjoni tal-istess Direttiva, ninfurmah li l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur organizzat webinar għall-kummerċjanti fit-12 ta' Mejju li għadda u li ffoka fuq l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva kif ukoll ta' Direttivi oħra rilevanti.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IR-RABAT, MALTA - TRIQ MISRAĦ SUFFARA - XOGĦLIJIET**

**108. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fi Triq Misraħ Suffara, ir-Rabat Malta, x'xogħol ser isir u meta ser jitlesta? Jista' jgħid ukoll għaliex mhux qed tittieħed prekawzjoni biex ma jkunx hemm trabijiet żejda u tumbati fit-toroq li huma ta' inkonvenjent kbir għar-residenti?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-Aġenzija hija konxja ta' żewġ proġetti separati u distinti li bħalissa qed jitwettqu tul l-istess medda ta' triq, għalkemm f'postijiet differenti. Dawn il-proġetti mhumiex kollha taħt ir-responsabbiltà ta' Infrastructure Malta. Għalhekk, sabiex tkun tista' tingħata risposta preċiża u korretta, l-Onor. Interpellant huwa ġentilment mitlub jindika għal liema parti tat-triq jew proġett qed jirreferi fil-mistoqsija parlamentari tiegħu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IR-RABAT, MALTA - TRIQ SAN PUBLIJU, TRIQ SANTA MARIJA U TRIQ IL-KONTI RUĠĠIERU**

**109. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan ta' bini mill-ġdid ta' Triq San Publiju, Triq Santa Marija u Triq il-Konti Ruġġieru, fir-Rabat Malta, wara li l-pjan li dawn it-toroq kellhom isiru ftit tas-snin ilu, ġie abbandunat?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq San Publiju, Triq Santa Marija u Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat huma fil-lista ta' toroq li ġew nominati mill-Kunsill Lokali sabiex isir xogħol infrastrutturali fihom. Bħalissa qed issir kordinazzjoni mal-entitajiet ikkonċernati kif ukoll il-Kunsill Lokali rispettiv biex jiġi stabbilit x'tip ta' xogħlijiet hemm bżonn li jsir f'dawn it-toroq.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KUNSILLI LOKALI - PROPRJETAJIET TAL-GVERN**

**110. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà tal-Gvern għaddiet b'kirja jew ċens lill-kunsilli lokali, bejn l-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli ngħataw dawn il-proprjetajiet mill-Awtorità tal-Artijiet, u f'kull każ jgħid liema proprjetà u lil liema kunsill?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**GĦŻEJJER TA' SAN PAWL - STATWA TA' SAN PAWL - FLOODLIGHT**

**111. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jara li l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, terġa' tiġi 'floodlit' bħalma kienet għal diversi snin fil-passat?

23/06/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ULIED B'SURROGACY**

**112. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' familji li kellhom ulied b'surrogacy, bejn l-2022 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

23/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Nitlob lill-Onor Interpellant biex tirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lil Ministru konċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ULIED B'SURROGACY**

**113. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' familji li kellhom ulied b'surrogacy, bejn l-2022 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

23/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali statistika ma tinżammx, peress li s-surrogacy hija illegali hawn Malta.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**SPTARIJIET TAL-GVERN - IMPJEGATI**

**114. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni impjegati fl-isptarijiet differenti tal-Gvern, u jaqsam din l-informazzjoni skont il-kategoriji ta' impjiegi stabbiliti għas-servizzi varji li huma meħtieġa f'kull livell? F'kull kategorija ta' impjieg, jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-ħaddiema huma Maltin u kemm huma ta' nazzjonalità mhux Maltija?

23/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**BUĠIBBA - BAJJA TA' WARA L-BREAKWATER**

**115. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol sar fil-bajja ta' Buġibba (wara l-breakwater), matul din is-sena? Jista' jgħid ukoll jekk hux ser jonqsu jew jiżdiedu l-faċilitajiet ta' rbit ta' dgħajjes f'din il-parti ta' Buġibba? Jekk ser jonqsu, kemm ser ikun it-tnaqqis u jekk ser jiżdiedu, kemm ser jiżdiedu l-faċilitajiet u kif se jiġu allokati?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi matul l-2026 l-Awtorità wettqet proġett ta' riorganizzazzjoni tal-arranġamenti ta' rbit fil-bajja ta' Buġibba, fiż-żona ta' wara l-breakwater. Dan il-proġett sar bil-għan li jiġu stabbiliti l-fairways meħtieġa għall-operat sigur tal-fast ferry, filwaqt li jiġi ottimizzat l-użu tal-ispazju marittimu disponibbli f'din iż-żona.

Matul il-proċess ta' ppjanar u implimentazzjoni, l-Awtorità tat prijorità sabiex il-persuni li diġà kellhom permess ta' rbit u li ġew affettwati mill-ħolqien tal-fairways ma jitilfux il-faċilità ta' rbit tagħhom. Għal dan il-għan, sar kull sforz sabiex il-postijiet affettwati jiġu rilokati jew jiġu indirizzati permezz ta' arranġamenti alternattivi, fejn dan kien fattibbli u kompatibbli mar-rekwiżiti ta' sigurtà u navigazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MARSASKALA – SPAZJI TA' PARKEĠĠ**

**128. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid b'kemm huwa mistenni li jiżdiedu l-parkeġġi bil-proġett propost f'Marsaskala? Jista' jgħid ukoll jekk bil-konfigurazzjoni hekk kif proposta għall-bankina quddiem il-gabbana li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, il-vetturi hux ser ikunu jistgħu jipparkjaw f'din iż-żona?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-pjanta approvata minn Transport Malta tipprevedi żieda fil-parkeġġi. Madankollu, nitlob biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**PROĠETT 'BEAUTIFUL MALTA INITIATIVE' - FONDI**

**129. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali fil-proġett 'Beautiful Malta Initiative'?

23/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**PROĠETT 'BEAUTIFUL MALTA INITIATIVE' - FONDI**

**130. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali fil-proġett 'Beautiful Malta Initiative'?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex din l-informazzjoni tingħabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**INIZJATTIVA DJAR AFFORDABBLI**

**131. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-inizjattiva 'Djar Affordabbli' daħlitx fis-seħħ u jekk il-persuni li bdew japplikaw għaliha hux qed jibbenefikaw minnha?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Inizjattiva "Djar Affordabbli" tinsab fis-seħħ, iżda l-applikazzjonijiet għall-benefiċċjarji għadhom mhux miftuħa billi l-proċess tat-tenders għad-disinn u l-bini jinsab bħalissa fi stadju ta' evalwazzjoni teknika.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**DOG BINS**

**132. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn dog bins f'Malta u Għawdex u tgħid eżattament fejn jinsabu, maqsuma lokalità b'lokalità?

23/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba, hekk kif inġabret mill-Kunsilli rispettivi.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**STUDENTI TAL-KINDERGARTEN U PRE-KINDERGARTEN – LEZZJONIJIET TAL-PE**

**133. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istudenti tal-Kindergarten u l-Pre-Kindergarten hux qed ikollhom lezzjonijiet tal-PE (Physical Education)? Jekk iva, jista' jgħid kemm ikollhom sessjonijiet fil-ġimgħa?

23/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li risposta hija fl-affermattiv, jiġifieri li iva t-tfal ikollhom dawn it-tip ta' sessjonijiet fiżiċi.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR**

**144. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati djar soċjali matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, maqsuma xahar b'xahar u lokalità b'lokalità?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR**

**145. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tan-numru ta' djar soċjali allokati matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026:
(i) lil familji;
(ii) lil persuni waħedhom;
(iii) lil koppji żgħażagħ;
(iv) lil persuni barranin residenti Malta; u
(v) lil persuni vulnerabbli?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - LISTA TA' STENNIJA**

**146. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni jew familji li qegħdin fuq il-lista ta' stennija għal akkomodazzjoni soċjali, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-ġurnata li fiha qed tingħata din ir-risposta, in-numru ta' applikazzjonijiet fuq il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali huwa ta' 1,745.

B'kuntrast, l-applikazzjonijiet pendenti matul l-2013 kienu jammontaw għal 3,304.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - ŻMIEN TA' STENNIJA**

**147. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-average waiting time biex persuna jew familja tingħata dar soċjali?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Infurmat li kull każ jiġi evalwat fuq il-merti, iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet partikolari tiegħu. Kien għalhekk li ġie introdott il-proċess tal-Initial Assessment u follow up tal-każijiet, sabiex l-applikanti jiġu assessjati u kklassifikati skont il-livell tal-ħtieġa tagħhom. Dan jippermetti li r-riżorsi disponibbli jiġu allokati b'mod aktar ġust u effettiv lil dawk li jkunu l-aktar fil-bżonn. L-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali tiddependi mhux biss mill-prijorità tal-każ, iżda wkoll mill-fatt li jkun hemm proprjetà disponibbli li tkun taqbel mal-kompożizzjoni tal-familja u mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħha..

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR - KRITERJI**

**148. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid xi kriterji qed jintużaw bħalissa għall-allokazzjoni ta' djar soċjali u jekk dawn il-kriterji ġewx riveduti fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wieħed jista' jsib il-kriterji kollha relatati mal-allokazzjoni ta' djar soċjali b'mod pubbliku fuq il-websajt tal-Awtorità tad-Djar. L-istess kriterji huma inkluża fl- applikazzjoni. A kuntrarju ta' dak li qed jipprova jimplika l-Onor Interpellant, dawn il-kriterji ma ġewx mibdula jew riveduti matul ix-xhur ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2026.

Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopja ta' din il-policy li hija aċċessibbli wkoll pubblikament permezz tal-website tal-Awtorità jew fuq din il-ħolqa: https://housingauthority.gov.mt/services/social-accomodation/social-housing/)

Seduta Numru 5
30/06/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - POLICY ATTWALI**

**149. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-policy attwali dwar l-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 148.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR - STRUTTURA TAT-TINED LI JSERVU BĦALA KENN GĦALL-PASSIĠĠIERI**

**186. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-istruttura tat-tined li sservi bħala kenn għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex, hijiex struttura temporanja jew struttura permanenti? Jekk hija struttura temporanja, jista' jgħid meta hemm il-ħsieb li tinbidel għal struttura permanenti li tkun aktar adegwata għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry kemm għall-Belt, Valletta kif ukoll għal Buġibba u/jew Tas-Sliema?

23/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IL-BELT, VALLETTA – TA' LIESSE - TERMINAL TAL-PASSIĠĠIERI - XOGĦLIJIET**

**187. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol fuq it-terminal tal-passiġġieri tal-fast ferry li hemm f'Ta' Liesse fil-Belt, Valletta, wara l-ħsarat li ġarrab fil-maltempata ta' Jannar 2026? Jista' jgħid ukoll:
(i) liema xogħlijiet fadal isiru sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
(ii) meta huwa ppjanat li jitlestew dawn ix-xogħlijiet; u
(iii) kemm hu stmat b'kollox li ser jiġi jiswa dan ix-xogħol kollu wara l-ħsarat li ġarrab dan it-terminal?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din l-informazzjoni għadha qed tinġabar u r-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ARTIKOLU 12A TAL-KAP. 379 - RIKORSI ĠURAMENTATI**

**188. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rikorsi ġuramentati da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) a tenur tal-Artikolu 12A tal-Kap. 379 mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti lista tar-rikorsi kollha li saru u f'kull każ jgħid x'inhu l-istatus attwali?

23/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li ma sar l-ebda rikors ġuramentat da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) a tenur tal-Artikolu 12A tal-Kap. 379 mill-2019.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**INTENSIVE AGRICULTURAL ZONE MAPS – AĊĊESSIBBILTÀ**

**236. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bdiewa u r-raħħala għandhomx aċċess għall-Intensive Agricultural Zone Maps? Jekk dawn mhux aċċessibbli, jista' l-Ministru jara li dawn ikunu aċċessibbli għall-bdiewa u r-raħħala bla ħlas?

24/06/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**NAGĦAĠ U MOGĦOŻ – IMPORTAZZJONI**

**237. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impurtati nagħaġ u mogħoż f'pajjiżna minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll:
i. minn liema pajjiż ġiet impurtata kull nagħġa u mogħża;
ii. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata għamlitx kwarantina;
iii. kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għat-trobbija u kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għal-laħam; u
iv. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata sarilhiex veterinary certificate?

24/06/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MARSALFORN - TRIQ PRINĊIPALI - XOGĦLIJIET**

**255. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fit-triq prinċipali ta' Marsalforn, f'Għawdex? Jista' ukoll jindika x'inhu l-perċentwal tax-xogħlijiet li tlestew u meta mistenni li l-imsemmija triq titlesta kompletament b'timelines speċifiċi? Jekk sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fl-imsemmija triq, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li t-triq tinfetaħ b'mod temporanju fuq żewġ karreġġjati, sabiex l-aċċess ma jkunx limitat biss għall-vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni ta' Marsalforn, iżda jkun possibbli wkoll għall-vetturi li jkunu telgħin minn Marsalforn fid-direzzjoni tar-Rabat, Għawdex?

24/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa tlestew madwar 93% tax-xogħlijiet fit-Triq Ġorġ Pisani, Patri Ġiacintu Camenzuli u l-*junction* ta' bejn Triq il-Kapuċċini u Triq Marsalforn, 70% minn wara l-bridge tal-Grazzja sa Ta' Mena u 57% mit-tarf tal-proġett sad-daħla tal-Wied ta' Marsalforn. Ix-xogħol minn ħdejn Ta' Mena sad-daħla tal-Wied ta' Marsalforn mistenni jibda hekk kif tinfetaħ it-triq fuq żewġ karreġġjati. Ix-xogħol kollu huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar tas-sena Diċembru 2026.

Bħalissa ix-xogħol għaddej simultanjament fuq diversi bnadi tul din it-triq t'aktar minn 3km. Għandek xogħol fuq il-karreġġjata tax-xellug fil-parti bejn il-Wied tal-Grazzja sa Ta' Mena u għaddej ukoll xogħol fuq iż-żewġ karreġġjati mid-*diversion* tal-wied ta' Marsalforn sar-*Reef Hotel*. Ser inkunu qed nagħtu l-ewwel saff ta' tarmac f'dawn iz-zoni msemmija fil-ġimgħat li ġejjin peress li ix-xogħol ta' bini mill-ġdid tat-triq u tpoġġija ta' servizzi ġodda jinsab fi stadju avvanzat. Waqt li qed isir dan ix-xogħol qed isiru ukoll xogħlijiet relatati ma' tibdil u tpoġġija ta' servizzi ġodda li ġew mitluba minn entitajiet diversi.

Il-ħsieb huwa li t-triq tinfetaħ b'mod temporanju fuq żewġ karreġġjati fil-ġimgħat li ġejjin biex tiffaċilita aktar l-aċċessibiltà minn u lejn Marsalforn.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**PROĠETT TAL-PJAZZA TA' BUĠIBBA**

**399. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti break down dettaljat tal-ispiża ta' €10.6 miljun li ġie jiswa l-proġett tal-pjazza ta' Buġibba?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt sabiex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KOPERATTIVI ĠODDA**

**400. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il koperattiva ġdida twaqqfet fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/06/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena (2026), il- Bord tal-Koperattivi approva r-reġistrazzjoni ta' żewġ (2) koperattivi ġodda.
<u>Nota</u>
1. Y-Coop – 23 ta' Frar 2026
2. Unity Point Coop – 25 ta' Mejju 2026

Seduta Numru 5
30/06/2026

**IS-SIĠĠIEWI – LISTA TA' TOROQ – XOGĦLIJIET**

**403. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fis-Siġġiewi sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li tlabt sabiex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦAL LUQA – LISTA TA’ TOROQ – XOGĦLIJIET**

**404. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li ser isiru f'Ħal Luqa sal-aħħar ta' din is-sena? Jista’ jgħid ukoll f’liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li tlabt sabiex tingħabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦAL QORMI – LISTA TA’ TOROQ – XOGĦLIJIET**

**405. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li ser isiru f'Ħal Qormi sal-aħħar ta' din is-sena? Jista’ jgħid ukoll f’liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li tlabt sabiex tingħabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 60 SENA – STATISTIKA**

**406. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 60 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA**

**407. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 65 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 70 SENA – STATISTIKA**

**408. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 70 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KONTRIBUZZJONIJIET GĦAD-DJAR TAL-ANZJANI**

**418. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienu jħallsu kontribuzzjoni l-anzjani li jkunu residenti ġewwa d-djar tal-anzjani fl-2010 u kemm qed iħallsu bħala persentaġġ mill-pensjoni tagħhom issa fl-2026?

25/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KONTRIBUZZJONIJIET GĦAD-DJAR TAL-ANZJANI – SISTEMA**

**419. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif taħdem is-sistema biex anzjani li qegħdin ġewwa d-djar tal-anzjani jieħdu l-persentaġġ mill-pensjoni tagħhom li ma jkunx qed jieħu l-Gvern bħala parti mill-kontribuzzjoni tagħhom?

25/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**DJAR TAL-ANZJANI – KONTIJIET PARTIKOLARI GĦALL-PERSENTAĠĠ TAL-PENSJONIJIET**

**420. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx xi sistema stabbilita biex l-anzjani li jkunu ġewwa d-djar tal-anzjani, ikollhom il-persentaġġ tal-pensjoni mġemmgħa f'xi kont partikolari li jista' jkollhom aċċess għalih?

25/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**DJAR TAL-ANZJANI**

**421. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani ġewwa djar tal-anzjani li l-Gvern qed jixtri s-servizzi fihom, u kemm hemm anzjani fid-djar tal-anzjani tal-Gvern, inkluż San Vinċenz De Paul? Jista' jgħid ukoll kemm hija l-ispiża ta' kull anzjan f'kull dar tal-anzjani msemmija u kemm hija l-ispiża totali tal-Gvern f'dan is-settur?

25/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**KAŻIJIET TA' EMERĠENZA**

**422. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm marru pazjenti fid-Dipartimenti tal-Emerġenza bejn Jannar 2026 u Ġunju 2026? Jista' jgħid ukoll kemm żaru nies bħala emerġenza fiċ-ċentri tas-saħħa madwar Malta u Għawdex, bejn Jannar 2026 u Ġunju 2026, u jekk din iċ-ċifra tvarjax miċ-ċifra tas-sena preċedenti?

25/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 5
30/06/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

**W18. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tiegħu u jekk dawn huma mixtrija, jista' jgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa hemm żewġ karozzi GM li huma mikrija f'konformità mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Waħda tintuża mid-Deputat Prim Ministru u l-oħra tintuża mis-Segretarju Parlamentari fi ħdan l-istess Ministeru.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – HEALTH AND SAFETY OFFICERS

**W32. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx health and safety officer fil-ministeru tiegħu u jekk le, għaliex?

22/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi jien infurmat li Health & Safety Officer impjegat full time mhuwiex rikjest mil-liġi. Madanakollu għarfien rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa kontinwu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

**W33. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tiegħu u jekk dawn huma mixtrija, jista' jgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet hemm karozza waħda GM li hija mikrija f'konformità mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Seduta Numru 5
30/06/2026

### MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025

**W35. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tiegħu fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2025 ma kien hemm ebda rapport ta' fastidju sesswali.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W36. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2025 ma kien hemm ebda rapport ta' fastidju sesswali fl-entitajiet imsemmija.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

